## Kapitlu 1

# L-inkwatru

Ma nafx kemm tiftakar dettalji. Ma nafx tiftakarx li Mel m'għadhiex tiftakar. U ma nafx tiftakarx li kont tfajtilha tpinġija tal-Prinċep Pankrazju fid-djarju tagħha forsi tibda tiftakar. Kienet tpinġija sempliċi ħafna. Jien ma nafx inpinġi. Pinġejt lill-Prinċep xi ħaġa hekk:



Indunajt mill-ewwel meta ġiet f'idejha, għax fetħet ħanxra daqsiex.

"Jaaaaaaaaake!!"



għajtet. Kull meta jinqala' xi ħaġa, dejjem nikolha jien. U jien qatt ma nkun għamilt xejn. Did-darba, almenu, kont naf li kelli neħel jien. Is-soltu tgħajjat miegħi għalxejn. Mort fil-kamra tagħha.

"X'ġara?" staqsejtha. *(Meta tkun għamilt xi ħaġa, trid tilgħabha ta' ftit iblah qisek ma taf b'xejn.)* "Ġara xi ħaġa ħi?"

"Dan x'jaħbat?" staqsietni hi u tipponta lejn l-inkwatru tal-Prinċep Pankrazju mdendel mal-ħajt.

“Dak minn fejn ġie?” staqsejtha mbellah.

“Jien naf, sibtu mdendel. U jekk tħares sew tinduna li mhux imdendel sewwa. Immejjel lejn naħa. Ta’ kafkaf. Żgur xogħlok.”

“Jien?” Mort sa ħdejh u ppruvajt nerfgħu. “Dan lanqas biss nifilħu.”



Kien tqil ta' vera dan l-inkwatru. Tqil daqs xi **LJUNFANT** mill-kbar nett. Le iktar minn hekk. Kien tqil daqs il-librerija mimlija kotba li għandna fis-salott.

"Int fejn taf kemm hi tqila l-librerija li hemm fis-salott? Mela mort tipprova terfagħha?"

"U int kif taf x'qed naħseb?"

"Għax int ħija u naf kif taħseb."

"Impossibbli terfgħu dan," għidtilha. Mhux jien kont. "Jien … jien …"

"Xiex?"

"Xejn." Kont se ngħidilha li jien biċċa karta bajda tfajtilha. Biċċa karta bajda bi tpinġija sempliċi ħafna. Ma pittirt l-ebda inkwatru. Jiena biċċa tpinġija bil-lapes ħażżiżt. L-ebda kulur ma użajt. Il-kuluri jiġu mir-Renju Udit is-soltu.